# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM l-Erbgħa, 9 ta' Diċembru, 2015

**Kawża Nru 34**

**Rik. Nru. 487/14JRM**

Marisa **BONANNO**

vs

**L-UNIVERSITA' TA' MALTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta' Ġunju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din l-Qorti (i) issib li d-deċiżjoni ta' Bord tal-Għażla li jqegħedha fit-tielet post f'konkors ta' għażla wara sejħa għall-applikazzjonijiet għall-post ta' Assistent Lettur fl-ilsien franċiż

fil-*Junior College* ma kenitx skond l-obbligi imposti fuqu mil-liġi u minn dak raġonevolment mistenni minnu fit-tmexxija tar-riżorsi inklużi dawk umani fil-kontroll jew soġġetti għad-diskrezzjoni tiegħu; (ii) tordna li l-attriċi tkun offerta l-grad li applikat għalih u li hija kwalifikata għalih jew li tingħata rimedju li din il-Qorti jidhrilha xieraq li tagħtiha; (iii) tillikwida d-danni li l-attriċi ġarrbet minħabba l-imsemmija deċiżjoni; u (iv) tordna l-ħlas lill-attriċi tad-danni likwidati. Talbet ukoll l-imgħaxijiet u l-ħlas tal-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2014, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-Universita' mħarrka u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mir-Rettur tal-Universita' mħarrka fl-4 ta' Lulju, 2014, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn maħsuba fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; l-azzjoni attriċi ma setgħetx titmexxa 'l quddiem għaliex, ladarba hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, saret wara ż-żmien ta' sitt xhur maħsub fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; li l-istħarriġ magħmul dwar il-każ mill-*Ombudsman* tal-Universita' jmur lil hinn mis-setgħat tiegħu skond l-artikolu 71A[1] l-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-attriċi la kienet studenta li tattendi l-Universita' u lanqas impjegata tal-istess Universita'. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet tal-attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex ma kenitx l-aktar kandidata kwalifikata u lanqas l-aktar waħda xierqa biex tingħata l-ħatra. Żied jgħid li l-Bord tal-Għażla mexa sewwa u li l-għażla li għamel kienet waħda oġġettiva u ġusta. Wara li għadda biex ifisser kif twettqet l-għażla, temm jgħid li kellu kull dritt li ma jaqbilx mar-rakkomandazzjonijiet tal-*Ombudsman* tal-Universita', wkoll kieku dan qagħad għas-setgħat li tagħtih il-liġi;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2014[2], li bih tat lill-attriċi xahar żmien biex b'Nota tagħti t-tweġiba tagħha dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrka;

Rat in-Nota mressqa mill-attriċi fil-5 ta' Diċembru, 2014[3] bil-fehmiet tagħha dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

[1] Li qabel kien l-art. 74(15) tal-Kap 327
[2] Paġ. 34 tal-proċess
[3] Paġġ. 35 – 6 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Diċembru, 2014, li bih tat żmien lill-Universita' biex tressaq Nota ta' Sottomissjonijiet b'riferenza għat-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Universita' fit-8 ta' Jannar, 2015[4], dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-attriċi fid-9 ta' Frar, 2015[5];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Frar, 2015, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza fuq it-tieni eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi qiegħda tilminta li Bord tal-Għażla mwaqqaf mill-Universita' naqas li jagħżilha għall-ħatra ta' għalliema bħala assistenta lettriċi fil-*Junior College* fl-ilsien franċiż minkejja li kienet l-aktar kawlifikata minn fost dawk li ikkonkorrew f'sejħa pubblika għal applikazzjonijiet li saret mill-istess Universita'. Trid li l-Qorti ssib li l-Bord mexa ħażin u li jew tingħata l-ħatra li għaliha applikat jew li l-Qorti tagħtiha kull rimedju ieħor li jidhrilha xieraq; talbet ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li ġarrbet minħabba li ma kenitx magħżula;

Illi għal din l-azzjoni, l-Universita' mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "UOM") laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn maħsuba fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; l-azzjoni attriċi ma setgħetx titmexxa 'l quddiem għaliex, ladarba hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju, saret wara ż-żmien ta' sitt xhur maħsub fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u li l-istħarriġ magħmul dwar il-każ mill-*Ombudsman* tal-Universita' jmur lil hinn mis-setgħat tiegħu skond l-artikolu 71A l-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-attriċi la kienet studenta li tattendi l-Universita' u lanqas impjegata tal-istess Universita'. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet tal-attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex ma kenitx l-aktar kandidata kwalifikata u lanqas l-aktar waħda xierqa biex tingħata l-ħatra. Żiedet tgħid li l-Bord tal-Għażla mexa sewwa u li l-għażla li għamel kienet waħda oġġettiva u

[4] Paġġ. 39 sa 42 tal-proċess
[5] Paġ. 113 tal-proċess

ġusta. Wara li għaddiet biex tfisser kif twettqet l-għażla, temmet tgħid li kellha kull dritt li ma taqbilx mar-rakkomandazzjonijiet tal-*Ombudsman* tal-Universita', wkoll kieku dan qagħad għas-setgħat li tagħtih il-liġi;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' UOM, dwar jekk l-attriċi fetħitx din il-kawża fiż-żmien li tagħtiha l-liġi;

Illi, fil-qosor, il-fatti rilevanti li jirrigwardaw il-każ juru li fit-18 ta' Frar, 2011[6], UOM ħarġet sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet għall-post ta' assistent lettur *full-time* fl-ilsien franċiż fil-*Junior College*. Is-sejħa saret ukoll fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-1 ta' Marzu, 2011[7]. L-attriċi ressqet it-talba tagħha biex tikkonkorri;

Illi UOM ħatret Bord tal-Għażla (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord") magħmul minn ħames (5) persuni u persuna oħra bħala osservatur. Erbatax-il (14) ruħ applikaw għall-post, u sitta (6) minnhom ingħażlu biex jidhru quddiem il-Bord;

Illi l-attriċi ssejħet għal intervista quddiem il-Bord fit-12 ta' Mejju, 2011. L-attriċi ma kenitx magħżula għaliex żewġ persuni tqiesu aħjar minnha u l-Bord bagħat jgħarrafha bid-deċiżjoni tiegħu fl-24 ta' Mejju, 2011[8];

Illi minħabba li l-attriċi ħasset li l-Bord ma mexiex sewwa fil-konfront tagħha talbet li tingħata spjegazzjoni ta' kif saret l-għażla. Minħabba li baqgħet ma kenitx soddisfatta bit-tweġiba[9], ressqet il-każ tagħha quddiem l-*Ombudsman* Universitarju li, fit-28 ta' Mejju, 2012[10], irrakkomanda li UOM terġa' tirrikonsidra l-proċess tal-għażla minħabba li l-kandidata magħżula ma kenitx eliġibbli li tingħażel għax ma kellhiex waħda mill-kwalifiki mitluba fis-sejħa, u biex jerġa' jqis il-kwalifiki tal-attriċi u jara jekk dawn kenux iħabbtuha ma' dawk taż-żewġ konkorrenti l-oħrajn;

Illi fl-4 ta' Ġunju, 2014, l-attriċi fetħet din il-kawża;

Illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aspetti ta' dritt li jduru mal-eċċezzjoni taħt eżami, il-Qorti trid tabilfors tqis in-natura tal-azzjoni mibdija mill-attriċi. Kemm hu hekk, UOM issejjes l-eċċezzjoni mertu ta' din is-sentenza fuq il-premessa li dik tal-attriċi hija l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Huwa minħabba f'hekk li qanqlet il-kwestjoni dwar jekk l-

[6] Dok "UOM1", f'paġġ. 19 – 21 tal-proċess
[7] Dok "GG", f'paġġ. 86 – 7 tal-proċess
[8] Dok "UOM2", f'paġ. 22 tal-proċess
[9] Dok "UOM3", f'paġġ. 23 – 4 tal-proċess
[10] Dok "A". f'paġġ. 3 sa 12 tal-proċess

attriċi mexxietx il-każ tagħha fiż-żmien fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistabilixxi żmien ta' sitt (6) xhur biex wieħed jiftaħ kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi fis-sewwa l-attriċi ma semmiet imkien fir-Rikors Maħluf promotur l-imsemmi artikolu 469A, u fin-Nota mressqa minnha fid-dawl tal-eċċezzjonijiet preliminari hija tgħid li "l-azzjoni tagħha għandha aktar minn azzjoni naxxenti minn u dwar il-konsegwenzi ta' aġir mhux xieraq, jew diskriminatorju fis-sens li hu aġir mhux aċċettabbli f'soċjeta' demokratika, u għalhekk il-pretenzjonijiet tagħha huma naxxenti mill-'*culpa*' tal-intimati meta dawn ma tawx każ tal-fatti li kellhom quddiemhom inizjalment u baqgħu jippersistu anke wara li ġew rinfaċċati mir-rapport tal-*Ombudsman*"[11]. L-attriċi żżid tgħid li l-azzjoni li ssejjes l-eċċezzjoni trid tkun diretta kontra l-"Gvern jew korpi kostitwiti mil-liġi"[12] li ma huwiex il-każ f'din iċ-ċirkostanza, u li ilu li għadda ż-żmien tal-'*jure imperii*', u b'mod partikolari ż-żmien ta' sitt xhur imposta mill-imsemmi artikolu 469A(3) tal-Kap 12 ma jgħoddx għall-każ ta' drittijiet li l-attriċi qiegħda tivvanta f'din il-kawża tagħha, ladarba hi mhijiex qiegħda titlob li tingħata liċenza jew permess, imma li l-karriera tagħha ma tintlaqatx b'imġiba bħal dik li wera magħha l-Bord u qiegħda tattakkaha;

Illi min-naħa tagħha, UOM tisħaq li l-azzjoni mibdija mill-attriċi hija dik tal-istħarriġ ġudizzjarju maħsuba fl-artikolu 469A u li għalhekk jgħoddu għall-każ tallum id-dispożizzjonijiet kollha tal-imsemmi artikolu, magħduda dak li fuqu ssejjes din l-eċċezzjoni preliminari tagħha dwar iż-żmien li fih messha nfetħet il-kawża. UOM imbagħad ressqet bosta argumenti u referenzi biex turi li hija għandha titqies bħala "awtorita' pubblika" għall-finijiet tal-imsemmi artikolu u li d-deċiżjoni tal-Bord attakkata mill-attriċi hija "egħmil amministrattiv";

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-azzjoni mnedija mill-attriċi hija waħda mitluba li tagħmel stħarriġ tal-mod kif il-Bord mexa. Issejħilha kif issejħilha l-attriċi, l-azzjoni tagħha hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju u mhux waħda ta' risarċiment tad-danni akwiljani. L-ewwel żewġ talbiet attriċi jixhdu din iċ-ċirkostanza u jsaħħu l-fehma tal-Qorti dwar in-natura tal-azzjoni mressqa quddiemha. Fit-tieni lok, l-attriċi tilminta mill-mod kif mexa l-Bord, li ma huwiex tribunal. Għaldaqstant ma jistax jingħad li l-Qorti qiegħda tintalab twettaq stħarriġ ta' xi korp kważi-ġudizzjarju, f'liema każ huwa magħruf li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A ma jgħoddux[13]. Mhux hekk biss, iżda jidher li hemm deċiżjonijiet li jgħidu li l-istħarriġ ta'

---

[11] Paġ. 35 tal-proċess
[12] *Ibid.*
[13] Ara App. Ċiv. **18.10.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Avv. Anthony P. Farruġia vs Kummissjoni Elettorali et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tal-Qrati vs Pinu Axiaq***

s-siwi ta' deċiżjonijiet jew imġiba ta' bordijiet jew tribunali statutorji jaqa' għal kollox 'il barra mis-setgħat ta' din il-Qorti taħt azzjoni mibdija għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili[14]. Fit-tielet lok, il-Qorti tifhem li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju maħsuba taħt l-artikolu 469A hija waħda mill-proċedimenti speċjali ta' azzjonijiet tal-Gvern li jitolbu l-ħarsien ta' kundizzjonijiet partikolari. Il-Qorti tifhem ukoll li l-istħarriġ li hija tagħmel jew tista' tintalab tagħmel ma jżommhiex milli tistħarreġ l-imġiba u s-siwi ta' deċiżjonijiet ta' tribunal maħluq bis-saħħa ta' xi liġi, liema jedd ilu magħruf fis-sistema legali Malti[15], l-aktar fejn lill-parti mġarrba ma jingħatalhiex jedd ta' appell statutorju minn deċiżjonijiet ta' korp kważi-ġudizzjarju bħal dak[16]. Iżda din il-kompetenza "ġenerali" ma tgħoddx aktar meta lil dik il-parti mġarrba jingħatalha rimedju ieħor, imqar taħt liġi oħra;

Illi għalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, din il-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni mibdija mill-attriċi hija dik ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u, b'mod partikolari taħt il-parametri maħsuba fis-subartikolu (1)(b) tal-istess artikolu;

Illi l-eċċezzjoni preliminari mertu ta' din is-sentenza hija waħda perentorja tal-ġudizzju u tista' għalhekk titqajjem f'kull waqt tal-kawża. Hija tgħid li kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew sata' sar jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministattiv;

Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni taħt eżami l-liġi hija ċara ħafna meta tgħid li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 jgħodd biss f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju li ssir biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt xi waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b). Dak iż-żmien ma jgħoddx meta l-kawża tkun mibnija fuq l-artikolu 469A(1)(a). Fil-każ tal-lum, kif rajna, l-azzjoni attriċi taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu (1)(b), u b'żieda ma' dan, li din l-azzjoni tressqet għaliex ittieħdet deċiżjoni amministrattiva li minnha l-attriċi tħossha aggravata;

Illi llum il-ġurnata huwa stabilit li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[17]. Dan ifisser li tali

[14] App. Ċiv. **19.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Bank of Valletta p.l.c.***

[15] Ara, per eżempju, P.A. **1.5.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe vs Anastasi Paċe noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.317**) u P.A. **29.5.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Bell McCance noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.350**)

[16] P.A. **22.11.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Caruana vs Attard*** (Kollez. Vol: **XXXV.ii.514**)

[17] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313**)

terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-egħmil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn egħmil amministrattiv issir taf b'dak l-egħmil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[18]: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-egħmil, liema data tiġi l-ewwel;

Illi fil-każ tal-lum, joħroġ ċar li l-attriċi kienet żgur mgħarrfa mill-Bord bid-deċiżjoni tiegħu f'Mejju tal-2011. F'Ottubru tal-2011, UOM kitbet lill-attriċi biex tgħarrafha li ma kien hemm l-ebda raġuni tajba biex tibdel id-deċiżjoni tal-Bord. Ukoll kieku wieħed seta' jikkonċedi li l-proċess quddiem l-*Ombudsman* Universitarju jikkostitwixxi xi parti mill-proċess li wassal għad-deċiżjoni finali tal-egħmil impunjat, xorta waħda jirriżulta li r-rapport tal-*Ombudsman* iġib id-data tat-28 ta' Mejju 2012 u jidher li l-attriċi kienet mgħarrfa bih ftit wara, kif inhi l-prattika f'każijiet;

Illi l-Qorti ma ngħatat l-ebda raġuni għaliex l-attriċi ħalliet 'il fuq minn sentejn minn mindu l-Bord kien qatagħha li hija ma kellhiex tingħażel għall-ħatra li għaliha applikat biex tattakka l-istess deċiżjoni quddiem din il-Qorti. Bla ma tgħaddi l-ebda ġudizzju fuq l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' UOM, l-istess jista' jingħad dwar iż-żmien li kien laħaq għadda kieku l-azzjoni attriċi kienet waħda sempliċi ta' ħtija akwiljana;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet kollha, il-Qorti ssib li l-attriċi kien għalqilha b'ħafna ż-żmien li tagħtiha l-liġi biex setgħet tressaq l-azzjoni tagħha, u għalhekk tara li t-tieni eċċezzjoni preliminari ta' UOM hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-Universita' mħarrka u ssib li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien ta' sitt xhur mogħti mil-liġi biex jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju tal-egħmil amministrattiv impunjat;u

[18] Ara P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***

**Teħles** lill-Universita' mħarrka milli tibqa' aktar fil-kawża, bi **spejjeż** għall-attriċi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**9 ta' Diċembru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**9 ta' Diċembru, 2015**